IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.4.2016
COM(2016) 194 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi reġistrata d-dejta dwar id-dħul u l-ħruġ u d-dejta dwar ir-rfjut ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi u

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011

{SWD(2016) 114 final}
{SWD(2016) 115 final}
{SWD(2016) 116 final}

ANNESS I

Lista ta' organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 38(2)

1. Organizzazzjonijiet tan-NU (bħall-UNHCR);
2. Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM);
3. Il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar.

<u>ANNESS II</u>

Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva

tal-proposta għal

Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA
   - **1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva**
   - **1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB**
   - **1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva**
   - **1.4. Għan(ijiet)**
   - **1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**
   - **1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju**
   - **1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI
   - **2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar**
   - **2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll**
   - **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA
   - **3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati**
   - **3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa**
   - *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
   - *3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*
   - *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
   - *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
   - *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
   - **3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul**

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta riveduta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi reġistrata d-dejta tad-dħul u tal-ħruġ u d-dejta tar-rifjut tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li tiddetermina l-kundizzjonijiet għal aċċess għall-EES għal għanijiet ta' infurzar tal-liġi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[1]

Il-qasam ta' politika: Qasam tal-Affarijiet Interni (titolu 18)

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[2]

☐ Il-proposta/inizjattiva hi marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-Għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

- Il-ġestjoni tal-fruntieri - il-preservazzjoni tal-ħajjiet u s-sigurtà fil-fruntieri esterni

Il-ġestjoni aktar effiċjenti tal-fruntieri tal-UE timplika wkoll użu aħjar tal-opportunitajiet offruti minn sistemi u teknoloġiji tal-IT. L-inizjattiva "Fruntieri Intelliġenti" se żżid l-effiċjenza tal-qsim tal-fruntieri, l-iffaċilitar tal-qsim għall-maġġoranza kbira ta' vjaġġaturi 'bona fide' ta' pajjiżi terzi, filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari billi jinħoloq reġistru tal-movimenti transfruntieri kollha minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

- Skambju aħjar ta' informazzjoni

Standards għoljin komuni ta' ġestjoni tal-fruntieri, b'rispett sħiħ lejn l-istat tad-dritt u lejn id-drittijiet fundamentali, huma essenzjali wkoll biex wieħed jipprevjeni l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntiera.

Il-proposta hija parti mill-iżvilupp kontinwu tal-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

[1] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[2] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati

Għan speċifiku Nru 2
L-appoġġ lill-ġestjoni tal-fruntieri integrati, inkluża l-promozzjoni ta' aktar armonizzazzjoni ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri b'konformità ma' standards komuni tal-Unjoni u permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri u Frontex, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell uniformi u għoli ta' kontroll u protezzjoni tal-fruntieri esterni, inkluż permezz tal-indirizzar tal-immigrazzjoni illegali u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-*acquis* ta' Schengen, filwaqt li jiġi garantit l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali lil dawk li jeħtiġuha, skont l-obbligi kkuntrattati mill-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement.
Attività/ajiet ABM/ABB konċernata/i
Kapitlu Sigurtà u Salvagwardjar tal-Libertajiet: Sigurtà Interna

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

L-għanijiet ġenerali tal-politika huma:

(1) Sabiex titjieb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni

(2) Biex titnaqqas il-migrazzjoni irregolari, billi jiġi indirizzat il-fenomenu ta' dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu ta' soġġorn intitolati għalih.

(3) Biex jingħata kontribut għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati serji u biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna".

Ġestjoni tal-fruntieri mtejba tista' titkejjel bl-effettività u l-effiċjenza tagħha. L-effettività fil-ġestjoni tal-fruntieri tintlaħaq jekk din tkun tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri minn vjaġġaturi leġittimi filwaqt li fl-istess ħin ma tħallix li l-vjaġġaturi li ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul jidħlu fiż-żona Schengen jew tarrestahom fil-ħruġ. L-effiċjenza fil-ġestjoni tal-fruntieri hija miksuba meta ż-żieda fil-qsim tal-fruntieri ma tirrikjedix żieda simili ta' gwardji tal-fruntieri,

It-twettiq tat-tieni għan huwa dipendenti fuq l-ewwel, iżda jirrikjedi wkoll l-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ minn awtoritajiet rilevanti fit-territorju taż-żona Schengen. L-EES se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

L-implimentazzjoni tal-EES se tiżgura identifikazzjoni aħjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u se tippermetti l-individwazzjoni ta' persuni li jużaw identitajiet differenti. Dan ser jgħin biex jinkiseb sa ċertu punt it-tielet għan ta' politika. Madankollu, dan l-għan jista' jkun realizzat bis-sħiħ biss meta l-aċċess għas-sistema tad-dħul/ħruġ jiġi mogħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Mhijiex se tiġi żviluppata l-ebda politika ġdida f'oqsma ġodda. Il-proposta hija parti mill-iżvilupp kontinwu tal-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

Għanijiet speċifiċi tal-politika:

L-għanijiet prinċipali tal-politika tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-modifiki tar-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) huma li:

(1) Li jtejbu l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntiera permezz ta' monitoraġġ tad-drittijiet għal soġġorn awtorizzat mad-dħul u l-ħruġ;

(2) Li jidentifikaw u jsibu l-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta (anki ġewwa t-territorju) u tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri xierqa fosthom iż-żieda tal-possibilitajiet għar-ritorn;

(3) Li jilliberaw ir-riżorsi tal-kontroll fil-fruntieri milli jwettqu kontrolli li jistgħu jiġu awtomatizzati u jippermettu aktar attenzjoni fuq il-valutazzjoni tal-vjaġġatur;

(4) Li jiffaċilitaw il-qsim minn ċittadini ta' pajjiżi terzi tal-fruntieri esterni tal-UE permezz ta' sistemi *self-service* u sistemi semiawtomatizzati jew awtomatizzati filwaqt li jinżamm il-livell attwali ta' sigurtà;

(5) Li jippermettu lill-konsulati biex ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar l-użu legali ta' viżi preċedenti;

(6) Li jinformaw lil ċittadini ta' pajjiżi terz bil-perjodu tas-soġġorn awtorizzat tagħhom;

(7) Li jtejbu l-valutazzjoni tar-riskju ta’ soġġorn lil hinn mill-perjodu awtorizzat;
(8) Li jappoġġaw it-tfassil tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE bbażata fuq l-evidenza;
(9) Li jiġġieldu kontra l-frodi tal-identità.
(10) Li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati serji.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Matul l-iżvilupp

Wara l-approvazzjoni tal-abbozz tal-proposta u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, is-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES), flimkien mal-Interfaċċa Uniformi Nazzjonali (NUI) (li tiffaċilita l-integrazzjoni ta’ infrastrutturi nazzjonali tal-SM għall-EES) se tiġi żviluppata minn eu-LISA.

eu-LISA ser tikkoordina wkoll l-integrazzjoni tan-NUI mwettqa mill-Istati Membri fuq livell nazzjonali. Hija definita governanza globali dettaljata għall-fażi tal-iżvilupp kif ukoll għall-ħtiġiet ta’ rappurtar lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Għan Speċifiku: Lest għall-operat sa tmiem l-2019[3].

Indikatur: Sabiex tkun tista' tibda titħaddem, eu-LISA innotifikat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tal-EES, li se jsir mill-Aġenzija flimkien mal-Istati Membri

Ladarba s-sistema tkun operazzjonali

eu-LISA tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi sabiex jikkontrollaw il-funzjonament tas-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ kontra l-għanijiet. Sentejn wara li s-sistema tibda taħdem u kull sentejn wara dan, eu-LISA għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-sistema inkluża s-sigurtà tagħha. Barra minn hekk, sentejn wara li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tibda topera u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tipprepara evalwazzjoni ġenerali tas-sistema. Din l-evalwazzjoni ġenerali tinkludi eżaminazzjoni tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali u valutazzjoni tal-validità kontinwa tar-raġuni sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-sigurtà tal-EES u kwalunkwe implikazzjonijiet għal operazzjonijiet futuri, u tagħmel kull rakkomandazzjoni neċessarja. Il-Kummissjoni tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ta’ importanza partikolari għall-evalwazzjoni jkunu l-indikaturi relatati man-numru ta' persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta u d-dejta dwar il-ħin tal-qsim tal-fruntiera, fejn għal din tal-aħħar, l-informazzjoni għandha tinġabar minn esperjenzi mill-VIS ukoll, kif ukoll minn analiżi dettaljata tal-bżonn li jingħata aċċess għad-dejta għal raġunijiet ta’ infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport dwar l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Għan Speċifiku: tissaħħaħ l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntiera permezz ta’ monitoraġġ tad-drittijiet għal soġġorn awtorizzat mad-dħul u l-ħruġ, u biex tittejjeb il-valutazzjoni tar-riskju ta' soġġorn barra mill-perjodu awtorizzat;

[3] Sakemm il-qafas legali għall-EES jiġi adottat sal-aħħar tal-2016 biex b’hekk jibda l-iżvilupp kmieni fl-2017.

Indikatur: Il-ħin tal-ipproċessar fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera + iċ-ċittadini kollha ta’ pajjiżi terzi jiġu infurmati dwar iż-żmien tas-soġġorn awtorizzat. Il-ħin tal-ipproċessar fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera jiġi mkejjel bħala l-ħin bejn il-bidu ta’ qari tad-dejta mid-dokument tal-ivvjaġġar kif dan jiġi rreġistrat fl-EES u l-mument tar-reġistrazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta’ dħul. Id-durati huma reġistrati b’mod permanenti u awtomatiku u l-istatistika tista’ tiġi ppreżentata meta ssir talba. Il-paragun se jsir ma' linja bażi meħuda qabel il-bidu tal-operat.

L-indikatur li ċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi terzi ikunu infurmati dwar iż-żmien tas-soġġorn awtorizzat jista’ jiġi vvalutat kull sena billi wieħed iħares lejn il-proċessi u l-istrumenti eżistenti. Ser isiru paraguni bejn snin suċċessivi.

Għan Speċifiku: jiġu identifikati u misjuba dawk il-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta (anki ġewwa t-territorju) u biex l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri jitħallew jieħdu l-miżuri xierqa fosthom li jżidu l-possibilitajiet għar-ritorn;

Indikatur: In-numru ta’ persuni identifikati b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta skont il-kategorija (viża meħtieġa/eżentati mill-viża), skont it-tip ta’ fruntiera (art/baħar/ajru), skont l-Istat Membru, skont il-pajjiż tal-oriġini/nazzjonalità, in-numru ta’ allerti li jwasslu sabiex jinqabdu dawk il-persuni b'permenza b'awtorizzazzjoni skaduta. In-numru ta’ persuni b'permenza b'awtorizzazzjoni skaduta identifikati jirriżulta mill-analiżi tad-dejta ta' soġġorn lil hinn mill-perjodu awtorizzat irreġistrata mill-EES. L-istatistika tista’ tiġi prodotta fi kwalunkwe mument iżda għal finijiet ta’ evalwazzjoni se ssir fuq bażi annwali. It-tendenza tista’ tiġi analizzata fi snin suċċessivi.
In-numru ta’ allerti li jwasslu sabiex jinqabdu persuni b'permenza b'awtorizzazzjoni skaduta għandu jinkiseb mill-aggregazzjoni tad-dejta tal-Istati Membri. L-EES tista’ madankollu tipprovdi bħala l-ewwel indikatur in-numru ta’ talbiet ta' verifikazzjoni u identifikazzjoni bijometriċi kkawżati minn servizzi għall-infurzar tal-immigrazzjoni peress li dawn jistgħu jiġu distinti minn dawk magħmula għal skopijiet oħra. It-tendenza tista’ tiġi analizzata fi snin suċċessivi.

Għan Speċifiku: jiġi ffaċilitat il-qsim minn ċittadini ta’ pajjiżi terzi tal-fruntieri esterni tal-UE permezz ta’ sistema semiawtomatizzata jew awtomatizzata.

Indikatur: It-tul medju tal-qsim tal-fruntieri ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fuq il-fruntieri esterni tal-UE meta jintużaw sistemi semiawtomatizzati jew awtomatizzati u aċċelleraturi tal-proċess - implimentati fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera rilevanti

Għan Speċifiku: jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE bbażata fuq l-evidenza.

Indikatur: L-istatistika dwar il-qsim tal-fruntieri u s-soġġorn lil hinn mill-perjodu awtorizzat hija disponibbli u hija mqassma skont iċ-ċittadinanza u karatteristiċi oħra (eż. l-età, is-sess u l-punt ta’ qsim tal-fruntiera tal-vjaġġatur). L-istatistika tista’ tiġi ppreżentata meta ssir talba għaliha iżda għal skopijiet ta’ evalwazzjoni, tintuża statistika annwali. Ser isiru paraguni bejn snin suċċessivi.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

(1) Il-proċeduri ta’ qsim bejn il-fruntieri għal Ċittadini ta’ Pajjiż Terz jridu jagħtu lok għal aktar awtomatizzazzjoni sabiex ilaħħqu ma’ żieda ta’ 57 % fil-fluss tal-vjaġġaturi sal-2025.

(2) Il-kontroll tat-tul tas-soġġorn awtorizzat ta’ Ċittadini ta’ Pajjiż Terz għandu jkun affidabbli, rapidu, faċli biex jiġi pproċessat u sistematiku.

(3) Il-proċess tal-kontroll tal-fruntieri għandu jirrapporta u jidentifika persuni b'permenza b'awtorizzazzjoni skaduta, b’mod sistematiku, faċilment u b’mod affidabbli; informazzjoni affidabbli dwar l-immigrazzjoni irregolari hija prodotta u tgħin għar-ritorn.

(4) Il-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali, it-terroriżmu u theddid ieħor għas-sigurtà hija msaħħa.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-ebda Stat Membru waħdu ma huwa kapaċi jlaħħaq mal-immigrazzjoni irregolari tiegħu stess. Persuna tista' tidħol fiż-żona ta' Schengen fil-punt tal-qsim tal-fruntiera fi Stat Membru fejn jintuża reġistru nazzjonali tad-dħul/ħruġ, iżda toħroġ minn punt tal-qsim tal-fruntiera fejn l-ebda sistema bħal din ma hi użata. Il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-UE dwar soġġorni awtorizzati għalhekk ma jistax isir mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom. Ċittadini ta' pajjiż terz li jidħlu fiż-żona Schengen jistgħu jivvjaġġaw liberament fi ħdanha. F’żona mingħajr fruntieri interni, l-azzjoni kontra l-immigrazzjoni irregolari għandha titwettaq b’mod komuni. Meta jitqies dan kollu, l-UE qiegħda f 'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tieħu l-miżuri xierqa.

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tidentifika “l-ġestjoni tal-fruntieri” bħala wieħed mill-"erba' pilastri biex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar". Is-sigurtà fil-fruntieri esterni u l-ġestjoni aktar effiċjenti tagħhom jimplika wkoll użu aħjar tal-opportunitajiet offruti minn sistemi u teknoloġiji tal-IT. L-użu tat-tliet sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira tal-UE (SIS, VIS u Eurodac) jagħti benefiċċji lill-ġestjoni tal-fruntieri. Mal-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ħruġ u Dħul se tibda fażi ġdida biex tiżdied l-effiċjenza tal-qsim tal-fruntieri, l-iffaċilitar tal-qsim għall-maġġoranza kbira ta’ vjaġġaturi "*bona fide*" ta’ pajjiżi terzi, filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari billi jinħoloq reġistru tal-movimenti transfruntieri kollha minn ċittadini ta’ pajjiżi terzi, b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

L-implimentazzjoni ta’ Sistema ta’ Dħul u Ħruġ mal-UE kollha se tirriżulta, fost affarijiet oħrajn, l-awtomatizzazzjoni ta’ ċerti kompiti u attivitajiet relatati mal-kontrolli tal-fruntieri. Din l-awtomatizzazzjoni se tiżgura kontroll omoġenju u sistematiku tal-perjodu awtorizzat tas-soġġorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi.

L-użu tal-EES flimkien ma’ possibbiltajiet ġodda għall-użu ta’ sistemi *self-service* u soluzzjonijiet ta’ kontroll fil-fruntieri awtomatiċi jew semi awtomatiċi se jiffaċilitaw il-ħidma tal-gwardji tal-fruntiera u jgħinuhom jassorbu ż-żieda prevista ta’ qsim tal-fruntieri. Mill-perspettiva tal-vjaġġatur, dan se jwassal għall-faċilitazzjoni tal-qsim tal-fruntieri, peress li l-ħin ta’ stennija se jitnaqqas u l-kontrolli fil-fruntiera ser ikunu aktar rapidi.

Għalkemm l-Istati Membri jistgħu jżommu s-sistemi nazzjonali tagħhom skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata mas-sigurtà, Sistema ta’ Dħul u Ħruġ tal-UE tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom aċċess għad-dejta dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi li qasmu l-fruntiera esterna tal-UE f’pajjiż wieħed u ħarġu minn pajjiż ieħor ta’ Schengen.

Informazzjoni aħjar dwar movimenti transfruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell tal-UE tiddefinixxi bażi fattwali sabiex tiġi żviluppata u adattata l-politika tal-migrazzjoni tal-UE, inkluża l-politika tagħha tal-viża. Din tgħin sabiex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għal ftehimiet ta' riammissjoni u ftehim ta' faċilitazzjoni tal-viża ma' pajjiżi terzi. Din tikkontribwixxi għal fehim komuni tal-kwistjonijiet ta' immigrazzjoni u prijoritajiet fi djalogi politiċi ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-esperjenza fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tat it-tagħlimiet li ġejjin:

1) Bħala salvagwardja possibbli kontra spejjeż li jiżdiedu lil hinn mill-istimi u dewmien li jirriżulta minn bidla fil-kundizzjonijiet, kull sistema tal-informazzjoni ġdida fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, partikolarment jekk tkun tinvolvi sistema tal-IT fuq skala kbira, ma tiġix żviluppata qabel mal-istrumenti legali li jistabbilixxu l-għanijiet, l-iskop, il-funzjonijiet u d-dettalji tekniċi tagħha jkunu ġew adottati b'mod definittiv.

2) Għal SIS II u VIS, l-iżviluppi nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu jiġu kofinanzjati taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE) iżda dan ma kienx obbligatorju. Għalhekk ma kienx possibbli li tittieħed ħarsa ġenerali lejn il-livell ta' progress f'dawk li ma kinux ipprevedew l-attivitajiet rispettivi fil-programmar pluriennali tagħhom jew li kellhom nuqqas ta' preċiżjoni fil-programmar tagħhom. Għalhekk, qed jiġi propost li l-Kummissjoni tirrimborża l-ispejjeż kollha mġarrba mill-Istat Membru, sabiex tkun tista' tissorvelja l-progress ta' dawn l-iżviluppi.

3) Bl-għan li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni, eu-LISA se tiżviluppa mhux biss is-sistema ċentrali iżda wkoll interfaċċa uniformi nazzjonali komuni (NUI) biex tintuża mill-Istati Membri kollha biex jgħaqqdu l-infrastruttura tal-IT fil-fruntieri nazzjonali eżistenti tagħhom.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta għandha titqies bħala parti mill-iżvilupp kontinwu tal-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Komunikazzjoni dwar Fruntieri Intelliġenti[4], kif ukoll flimkien mal-fruntieri tal-FSI[5], bħala parti mill-QFP u r-Regolament li jwaqqaf eu-LISA[6]. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni għall-Aġenzija[7], tkopri l-ispejjeż għas-sistemi eżistenti tal-IT EURODAC, SIS II, VIS iżda mhux għas-sistemi futuri tal-ġestjoni tal-fruntieri li għadhom mhumiex fdati lill-Aġenzija permezz ta' qafas legali. Għaldaqstant, ir-Regolament tal-fruntieri FSI jipprevedi

[4] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Fruntieri Intelliġenti – alternattivi u t-triq 'il quddiem (COM(2011)680.

[5] Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE

[6] Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Artikolu 1.3 "L-Aġenzija tista' wkoll issir responsabbli għat-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2, biss jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti..."

[7] COM(2010)93 tad-19 ta' Marzu 2010.

ammont ta’ EUR 791 miljun taħt l-Artikolu 5 l-iżvilupp ta’ sistemi tal-IT, abbażi ta' sistemi eżistenti u/jew ġodda, li jappoġġaw il-fluss migratorju bejn il-fruntieri esterni. Fi ħdan il-Kummissjoni, id-DG HOME huwa d-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-istabbiliment ta' żona ta' moviment ħieles li fiha l-persuni jistgħu jaqsmu l-fruntieri interni mingħajr ma jkunu sottomessi għal kontrolli fil-fruntiera u l-fruntieri esterni jkunu kkontrollati u amministrati b'mod koerenti fil-livell tal-UE. Is-sistema għandha s-sinerġiji segwenti mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża:

a) għad-detenturi tal-viża, is-Sistema tat-Tqabbil Bijometriku se tintuża wkoll għall-għan ta' Dħul/Ħruġ;

b) is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ se tikkumplimenta l-VIS[8]. Il-VIS fiha biss l-applikazzjonijiet tal-viża u viżi maħruġa, filwaqt li għad-detenturi tal-viża l-EES se taħżen ukoll dejta konkreta dwar id-dħul u l-ħruġ relatata mal-ħruġ tal-viżi.

8 [8]Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta’ Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta’ Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta’ reati terroristiċi u ta’ reati kriminali serji oħra u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta’ data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva b'**tul taż-żmien limitat**

– ☐ ☐Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ ☐Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva b'**tul ta' żmien bla limitu**

– Perjodu preparatorju mill-2016

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2017 sal-2019,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa fl-2020.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[9]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☒ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu inkarigati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Ir-Regolament tal-fruntieri FSI huwa l-istrument finanzjarju fejn ġie inkluż il-baġit għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-fruntieri intelliġenti.

Fl-Artikolu 5 huwa jipprevedi li EUR 791 miljun jiġu implimentati permezz ta' programm għat-twaqqif ta' sistemi tal-IT li jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15.

---

9 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

Rigward il-metodi ta’ implimentazzjoni, ir-Regolament tal-Fruntieri FSI jipprevedi kif ġej:

L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 5(4) jipprovdi li "*l-metodu(i) ta’ implimentazzjoni tal-baġit għall-programm dwar l-iżvilupp ta’ sistemi tal-IT, ibbażati fuq sistemi tal-IT eżistenti u/jew ġodda, għandhom jiġu stabbiliti fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni soġġett għall-adozzjoni tagħhom".*

L-Artikolu 15 jistipula kif ġej: *"Il-programm dwar l-iżvilupp ta’ sistemi tal-IT, abbażi ta’ sistemi tal-IT eżistenti u/jew ġodda, għandu jiġi implimentat prevja l-adozzjoni tal-atti leġislattivi tal-Unjoni li jiddefinixxu dawk is-sistemi tal-IT u l-infrastruttura ta’ komunikazzjoni tagħhom bil-għan, b’mod partikolari, li tittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll ta’ flussi ta’ ivvjaġġar fil-fruntieri esterni billi jissaħħu l-kontrolli filwaqt li jsir aktar mgħaġġel il-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi regolari. Fejn xieraq, jinstabu sinerġiji mas-sistemi eżistenti ta’ IT sabiex jiġi evitat l-infiq doppju.*

It-tqassim tal-ammont imsemmi fil-punt b) tal-Artikolu 5(5) għandu jiġi definit jew fl-atti leġislattivi rilevanti tal-Unjoni jew, insegwitu tal-adozzjoni ta’ dawk l-atti leġislattivi, permezz ta’ att delegat b’mod konformi mal-Artikolu 17."

Il-leġiżlatur b’mod ċar iddeċieda li l-metodu ta’ implimentazzjoni tal-baġit għal Fruntieri Intelliġenti mhuwiex definit fil-fruntieri FSI u ser ikollu jiġi definit fl-"atti leġislattivi tal-Unjoni rilevanti" jiġifieri r-Regolamenti dwar l-EES u l-RTP. Fir-rigward tat-tqassim tal-EUR 791 miljun, il-leġiżlatur segwa l-istess raġunament (li għandu jiġi inkluż fl-"atti leġislattivi tal-Unjoni rilevanti") filwaqt li ħalla miftuħa l-possibbiltà li dan it-tqassim jiġi stabbilit permezz ta’ att delegat b’segwitu għall-adozzjoni tar-regolamenti tal-fruntieri intelliġenti. Dan ifisser li filwaqt li l-metodu ta' implimentazzjoni għandu jiġi definit fl-atti leġiżlattivi rilevanti tal-Unjoni, it-tqassim tal-ispejjeż jista' jiġi definit wara permezz ta’ att delegat, li jagħti ċerta flessibiltà f’każ ta’ modifika ta’ dan it-tqassim.

Il-metodi ta’ implimentazzjoni previsti fil-proposta huma dawn li ġejjin:

1) Ġestjoni indiretta: Matul il-perjodu 2017-2019, l-iżvilupp tal-EES se jiġi eżegwit minn eu-LISA. Dan se jkopri l-parti tal-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-proġett, jiġifieri s-Sistema Ċentrali, l-Interfaċċa Uniformi Nazzjonali (NUI) u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-NUI. Matul il-perjodu tal-operat sa mill-2020 eu-LISA se twettaq l-attivitajiet operattivi kollha marbuta maż-żamma tas-sistema ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

Mill-2017, huwa previst li jiġi trasferit ammont totali ta’ EUR 288 miljun mill-FSI lil-linja baġitarja ta' eu-LISA biex ikopri dawn l-attivitajiet.

2) Ġestjoni diretta: Matul il-fażi ta’ żvilupp (2017–2019) il-Kummissjoni se tonfoq ammont totali ta’ EUR 120 miljun biex jiġu ġestiti l-għotjiet lill-Istati Membri għall-integrazzjoni tal-NUI

3) Ġestjoni kondiviża: Matul il-fażi ta’ żvilupp (2017–2019) il-Kummissjoni se tonfoq ammont totali ta’ EUR 52,7 miljun għall-ispejjeż relatati mal-operat fl-Istati Membri. Matul l-operat li jibda fl-2020, ammont ta’ EUR 19,7 miljun ġie riżervat biex jiġi żgurat il-persunal meħtieġ għal ħidma bla waqfien (24h/24h) fl-Istati Membri. Dan se jkun jeħtieġ rieżami tal-programmi nazzjonali taħt l-FSI-Fruntieri u Viżi biex jinkludi azzjonijiet ġodda speċifiċi bħall-inklużjoni ta’ azzjoni speċifika addizzjonali li se ssir permezz ta’ att delegat ladarba jiġi adottat ir-regolament dwar il-fruntieri intelliġenti.

Il-bqija tal-baġit tal-linja ta' Fruntieri Intelliġenti (EUR 791 miljun allokazzjoni inizjali nieqes EUR 480 miljun baġit ta' Fruntieri Intelliġenti = EUR 311 miljun) ser jintuża kif definit fl-Artikolu 5(5) b tar-Regolament (UE) Nru 515/2014 (ISF-B).

Blokki	**Fażi tal-iżvilupp (2017-2019)**	**Operat fażi (2020)**	**Il-mod ta' ġestjoni**	**Attur**
Netwerk	**X**	**X**	Indirett	Eu-LISA
Żvilupp u Manutenzjoni tas-Sistema Ċentrali	**X**	**X**	Indirett	Eu-LISA
Żvilupp tal-Interfaċċa Uniformi Nazzjonali (NUI)	**X**		Indirett	Eu-LISA
Integrazzjoni NUI u amministrazzjoni relatata matul l-iżvilupp	**X**	**X**	Dirett / Konġunt	COM
Manutenzjoni tas-Sistemi Nazzjonali		**X**	Kondiviż	COM

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) huma previsti fl-Artikolu 64 tal-proposta:

1. eu-LISA tiżgura li l-proċeduri jinsabu fis-seħħ sabiex jissorveljaw l-iżvilupp tal-EES ma' għanijiet relatati mal-ippjanar u l-kostijiet u biex jiġi sorveljat il-funzjonament tal-EES ma' għanijiet relatati mar-rendiment tekniku, il-kosteffettività, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz.

2. Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull sitt xhur wara, waqt il-fażi tal-iżvilupp tal-EES, eu-LISA tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat attwali tal-iżvilupp tas-Sistema Ċentrali, l-Interfaċċi Uniformi u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u tal-Interfaċċji Uniformi. Ladarba l-iżvilupp ikun finalizzat, jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jispjega fid-dettall kif l-għanijiet b'mod partikolari relatati mal-ippjanar u l-kostijiet, ġew sodisfatti kif ukoll li jiġġustifika kwalunkwe diverġenza.

3. Għall-finijiet ta' manutenzjoni teknika, eu-LISA jkollha aċċess għall-informazzjoni neċessarja marbuta mal-operat tal-ipproċessar tad-dejta mwettqa fl-EES.

4. Sentejn wara li l-EES tkun bdiet topera u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, eu-LISA tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-EES, inkluża s-sigurtà tagħha.

5. Tliet snin wara li l-EES tibda topera u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni trid tipprepara evalwazzjoni ġenerali tal-EES. Din l-evalwazzjoni ġenerali tinkludi eżaminazzjoni tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali u valutazzjoni tal-validità kontinwa tar-raġuni sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-sigurtà tal-EES u kwalunkwe implikazzjoni għal operazzjonijiet futuri, u tagħmel kull rakkomandazzjoni neċessarja. Il-Kummissjoni tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. L-Istati Membri u l-Europol jipprovdu lil eu-LISA u l-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-abbozzar tar-rapporti msemmija fil-paragrafi 4 u 5 skont l-indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel mill-Kummissjoni u/jew eu-LISA. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. eu-LISA tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tipproduċi l-evalwazzjonijiet globali msemmija fil-paragrafu 5.

8. Filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol jippreparaw rapporti annwali dwar l-effettività tal-aċċess għal dejta tal-EES għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi li jkun fihom informazzjoni u statistika dwar:

- l-iskop preċiż tal-konsultazzjoni (jekk għall-identifikazzjoni jew għal reġistri tad-dħul/ħruġ) inkluż it-tip ta' att terroristiku jew reat kriminali serju,

- raġunijiet raġonevoli għal suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma tkun koperta minn dan ir-Regolament

- ir-raġunijiet raġonevoli mogħtija biex ma ssirx konsultazzjoni dwar is-sistemi ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' awtomatizzati tal-Istati Membri l-oħra skont id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, f'konformità mal-Artikolu 29(2)b).

- in-numru ta' talbiet għal aċċess għall-EES għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi

- in-numru u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi u

- il-ħtieġa u l-użu tal-każ eċċezzjonali ta' urġenza, inklużi dawk il-każijiet fejn l-urġenza ma ġietx aċċettata mill-verifika *ex post* magħmula mill-Punt ta' Aċċess Ċentrali;

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

1) Diffikultajiet bl-iżvilupp tekniku tas-sistema

L-Istati Membri għandhom sistemi tal-IT nazzjonali teknikament differenti. Barra minn hekk, il-proċessi tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi lokali (spazju disponibbli fil-punt tal-qsim tal-fruntiera, il-flussi tal-vjaġġaturi, eċċ.). L-EES trid tiġi integrata fl-arkitettura tal-IT nazzjonali u l-proċessi nazzjonali tal-kontroll tal-fruntiera. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-Interfaċċi Uniformi Nazzjonali (NUIs) trid tkun kompletament konformi mar-rekwiżiti ċentrali. Hemm żewġ riskji ewlenin identifikati f'dan il-qasam:

a) Ir-riskju li l-aspetti tekniċi u legali tal-EES jistgħu jiġu implimentati b'modi differenti minn Stati Membri differenti, minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni bejn in-naħa ċentrali u dik nazzjonali. Il-kunċett tal-NUI previst għandu jtaffi dan ir-riskju.

b) Ir-riskju ta' inkonsistenza f'kif din is-sistema futura tintuża li jiddependi fuq kif l-Istati Membri jimplimentaw l-EES fil-proċessi eżistenti ta' kontroll tal-fruntieri.

2) Diffikultajiet rigward l-iżvilupp fil-ħin

Mill-esperjenza miksuba matul l-iżvilupp tal-VIS u s-SIS II, wieħed jista' jantiċipa li fattur kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-EES se jkun l-iżvilupp fil-ħin tas-sistema minn kuntrattur estern. Bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, eu-LISA se tkun responsabbli wkoll għall-għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti, partikolarment għas-sottokuntrattar tal-iżvilupp tas-sistema. Hemm diversi riskji relatati mal-użu ta' kuntrattur estern għal din il-ħidma ta' żvilupp:

a) b'mod partikolari, ir-riskju li l-kuntrattur jonqos milli jalloka biżżejjed riżorsi għall-proġett jew li jfassal u jiżviluppa sistema li mhijiex l-iktar avvanzata;

b) ir-riskju li t-tekniki u metodi amministrattivi li jimmaniġġjaw proġetti tal-IT fuq skala kbira ma jiġux rispettati bis-sħiħ bħala mezz ta' tnaqqis tal-ispejjeż mill-kuntrattur;

c) fl-aħħar nett, ir-riskju li l-kuntrattur jaffaċċja diffikultajiet finanzjarji għal raġunijiet esterni għal dan il-proġett ma jistax jiġi eskluż kompletament.

2.2.2. *Tagħrif li jikkonċerna l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern*

L-Aġenzija hija maħsuba li tkun ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-iżvilupp u tal-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Hija se tkun qed twettaq l-attivitajiet marbuta mal-iżvilupp u l-operat tal-parti ċentrali tas-sistema inklużi interfaċċi uniformi fl-Istati Membri u n-networks. Dan ser jippermetti li jiġu evitati ħafna mill-iżvantaġġi li l-Kummissjoni affaċċjat meta kienet qed tiżviluppa s-SIS II u l-VIS.

Matul il-fażi ta' żvilupp (2017-2019), l-attivitajiet kollha ta' żvilupp se jiġu eżegwiti minn eu-LISA. Dan se jkopri l-parti tal-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-proġett, jiġifieri s-Sistema Ċentrali, l-Interfaċċa Uniformi Nazzjonali (NUI), in-Netwerks u l-Ispazju tal-uffiċċju fl-Istati Membri. Il-kostijiet għall-integrazzjoni tal-NUI kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-amministrazzjoni tas-sistemi fl-Istati Membri matul l-iżvilupp se jkunu ġestiti mill-Kummissjoni permezz ta' għotjiet.

Matul il-fażi operattiva li se tibda fl-2020, eu-LISA se tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika u finanzjarja tas-sistema ċentrali, b'mod speċjali l-għoti u l-ġestjoni tal-kuntratti billi l-Kummissjoni se tamministra l-għotjiet lill-Istati Membri għall-ispejjeż ta' manutenzjoni tas-sistemi nazzjonali permezz ta' ISF/Fruntieri (programmi nazzjonali).

Sabiex jiġi evitat id-dewmien fil-livell nazzjonali, hija prevista governanza effiċjenti bejn il-partijiet ikkonċernati kollha qabel il-bidu tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni pproponiet fl-abbozz tar-Regolament li Grupp Konsultattiv magħmul minn esperti nazzjonali tal-Istati Membri jipprovdi lill-Aġenzija bit-tagħrif espert relatat mal-EES.

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-miżuri previsti kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 1077/2011 li jipprovdi kif ġej:

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, japplika r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. L-Aġenzija tkun parti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mingħajr dewmien, toħroġ id-dispożizzjonijiet adatti applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet ta' implimentazzjoni u l-istrumenti li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jwettqu, jekk meħtieġ, kontrolli fuq il-post fost dawk li jirċievu finanzjament mill-Aġenzija u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tagħha.

Skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fiż-żona ta' libertà,

sigurtà u ġustizzja li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni b'relazzjoni mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Unjoni kienet adottata fit-28 ta’ Ġunju 2012.

Se tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta’ frodi ta' DG HOME.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza	Diff./Mhux diff.[10].	minn pajjiżi tal-EFTA[11]	minn pajjiżi kandidati[12]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
		Diff.	LE	LE	IVA	LE
3	18.020101 - Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu	Diff	LE	LE	IVA	LE
3	18.020103 - Stabiliment ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni	Diff	LE	LE	IVA	LE
3	18.0207 - Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)	Diff	LE	LE	IVA	LE

Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

10 Diff: = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
11 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
12 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

[Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Sigurtà u Ċittadinanza

DG: HOME			Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**			**TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
18.02.01.03 (Fruntieri Intelliġenti)	Impenji	(1)	40 000	40 000	40 000					**120 000**
	Pagamenti	(2)	28 000	28 000	28 000	36 000				**120 000**
18.020101 (Fruntieri u Viża)	Impenji		16 236	16 236	20 196	19 710				**72 378**
	Pagamenti		11 365	11 365	14 137	13 797	21 713			**72 378**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[13]										
Numru tal-linja baġitarja		(3)								
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għad-DG HOME	Impenji	=1+1a +3	56 236	56 236	60 196	19 710				**192 378**
	Pagamenti	=2+2a +3	39 365	39 365	42 137	49 797	21 713			**192 378**

13 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Eu-LISA			Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2021**			**TOTALI**
Titolu 1:	Impenji	(1)	1 876	1 876	1 876	4 221				**9 849**
	Pagamenti	(2)	1 876	1 876	1 876	4 221				**9 849**
Titolu 2:	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Titolu 3:	Impenji	(3a)	54 569	57 513	144 326	21 606				**278 014**
	Pagamenti	(3b)	38 199	40 259	101 028	15 124	83 404			**278 014**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għal eu-LISA	Impenji	=1+1a +3a	56 445	59 389	146 202	25 827				**287 863**
	Pagamenti	=2+2a +3b	40 074	42 135	102 904	19 345				**287 863**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTALI**
DG HOME									
• Riżorsi umani Numru tal-linja baġitarja 18.01		0 402	0 402	0 402	0				**1 206**
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL DG HOME	Approprjazzjonijiet	0 402	0 402	0 402	0				**1 206**

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0 402	0 402	0 402	0				**1 206**

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena **N**[14]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTALI**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	112 653	115 597	206 517	45 474				**480 242**
	Pagamenti	112 653	115 597	206 517	45 474				**480 242**

[14] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.1. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.1.1. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' eu-LISA

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sat-tielet punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati **Eu-LISA** ⇩			Sena **2017**		Sena **2018**		Sena **2019**		Sena **2020**		Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTALI**	
	RIŻULTATI																	
	Tip[15]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[16] L-Iżvilupp tas-Sistema Ċentrali																		
- Riżultat	Kuntrattur			32 650		52 650		55 118		0								140 418
- Riżultat	Softwer			8 051		0		46 560		3 555								58 166
- Riżultat	Ħardwer			4 754		0		22 853		0								27 607
- Riżultat	Amministrazzjo			50		50		1 682		0								1 782
- Riżultat	Oħrajn			219		0		0		0								0 219
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1				45 724		52 700		126 213		3 555								**228 192**
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 Manutenzjoni tas-Sistema Ċentrali																		
- Riżultat	Kuntrattur			0		0		1 734		1 748								3 482

15 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi fornuti (pereżempju: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ).

16 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/ċi ...”

- Riżultat	Softwer		1 343		1 343		9 102		9 939								21 726
- Riżultat	Ħardwer		569		569		2 925		3 586								7 648
- Riżultat	Amministrazzjo		0		0		0		50								50
- Riżultat	Oħrajn		0		90		90		90								271
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2			1 912		2 002		13 851		15 413								**33 178**
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3 Netwerk			6 118		1 995		2 520		2 310								**12 944**
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 4 Laqgħat/Taħriġ			816		816		1 741		327								**3 700**
KOST TOTALI eu-LISA			54 570		57 513		144 325		21 605								**278 013**

3.2.1.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' DG HOME

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sat-tielet punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati			Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)	**TOTALI**
DG HOME	**RIŻULTATI**							

	Tip[17]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[18] L-iżvilupp fl-Istati Membri																		
- Riżultat	Għotjiet lill-SM għall-integrazzjoni			40 000		40 000		40 000										120 000
- Riżultat	Appoġġ lill-SM għall-amministrazzjo			16 236		16 236		20 196										52 668
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1				56 236		56 236		60 196										172 668
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 Manutenzjoni tas-Sistemi Nazzjonali																		
- Riżultat	Amministrazzjo									19 710								19 710
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2										19 710								19 710
KOST TOTALI DG HOME				56 236		56 236		60 196		19 710								**192 378**

[17] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi fornuti (pereżempju: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ).
[18] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/ċi ...”

3.2.2. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani ta' eu-LISA

3.2.2.1. Sommarju

- ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTALI**
Uffiċjali (Gradi AD)								
Uffiċjali (Gradi AST)								
Persunal b'kuntratt								
Persunal temporanju	1 876	1 876	1 876	4 221				**9 849**
Esperti Nazzjonali Sekondati								
TOTALI	**1 876**	**1 876**	**1 876**	**4 221**				**9 849**

Ir-reklutaġġ huwa ppjanat għal Jannar 2017. Il-persunal kollu jrid ikun disponibbli mill-bidu tal-2017 sabiex ikun jista' jibda l-perjodu ta' żvilupp ta' tliet snin fi żmien xieraq bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-EES tibda topera fl-2020. Ir-riżorsi se jkunu ddedikati għall-ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratti kif ukoll l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema. L-Anness jagħti aktar dettalji dwar dan.

Karigi	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**
Xenarju Bażi - Komunikazzjoni[19]	115	113	113	113
Karigi addizzjonali	14	14	14	14 *
Totali	129	127	127	127

* 14-il kariga huma miżjuda għall-iżvilupp tas-sistema għall-pjan ta’ stabbiliment ta' eu-LISA. L-għadd ta’ karigi għall-2020 u s-snin sussegwenti se jiġu vvalutati mill-ġdid matul il-preparazzjoni tal-Abbozz tal-baġit tal-UE għall-2020, b’kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi għat-tħaddim tas-sistema 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa.

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena **2017**[20]	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTALI**
INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani DG HOME	0 402	0 402	0 402	0				**1 206**
Nefqiet amministrattivi oħra								
Subtotali INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali	0 402	0 402	0 402	0				**1,206**

[19] COM(2013) 519 finali: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - L-ipprogrammar ta’ riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020.

[20] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Barra mill-INTESTATURA 5[21] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani								
Nefqiet oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotali barra mill-INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTALI	**0 402**	**0 402**	**0 402**	**0**				**1 206**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

21 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx użu ta’ riżorsi umani.

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f’unitajiet ekwivalenti għall-full time

		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)
• **Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)**						
18 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni) - DG HOME		3	3	3	0	
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)						
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
• **Persunal estern (f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time: FTE)**[22]						
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 **ss**[23]	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika)						
TOTALI		**3**	**3**	**3**	**0**	

18 huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju ta' DG HOME	Il-persunal ser jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-għotjiet lil Stati Membri taħt il-programmi annwali tal-Fond ISF-Fruntieri.

[22] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

[23] Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

– ☒Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ ☐fuq ir-riżorsi proprji

– ☒ ☒fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Linja tad-dħul baġitarju:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	L-impatt tal-proposta/inizjattiva[24]						
		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikoli 6313		4 798	6 983	8 932	6 315			

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i tan-nefqa baġitarja affettwati.

18.02.01.03 (Fruntieri Intelliġenti) u 18.0207 (eu-LISA)

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Il-baġit jinkludi kontribut mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen u l-miżuri relatati mal-Eurodac kif stabbilit fi ftehimiet rispettivi. L-estimi pprovduti huma purament indikattivi u huma bbażati fuq kalkoli reċenti għal dħul għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istati li jikkontribwixxu attwalment (l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera) għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ħlasijiet ikkunsmati) somma annwali għas-sena finanzjarja relevanti, ikkalkolata skont il-prodott domestiku gross bħala perċentwal tal-prodott domestiku gross tal-Istati parteċipanti kollha. Il-kalkolu huwa bbażat fuq iċ-ċifri ta' Ġunju 2015 mill-EUROSTAT, li huma suġġetti għal varjazzjoni konsiderevoli skont il-qagħda ekonomika tal-Istati parteċipanti.

[24] Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % għal kostijiet tal-kollezzjoni.